# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 594/2016 PM1**

**Coleiro General Supplies Limited**
**(C 3429)**

**Vs**

**Michael Rizzo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Dicembru, 2016 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u erbgha u ghoxrin euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€2,024.24) rapprezentanti bilanc ta' hlas dovut mill-istess konvenut ghal merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut fuq inkarigu tieghu skont kif jirrizulta mill-istatement anness mal-istess avviz u mmarkat Dok. 'A' liema hlas baqa' ma sarx minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tas-6 ta' Frar, 2017, tat-28 ta' Frar, 2017, tal-1 ta' Marzu, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokument anness mal-avviz tat-talba (fol. 2 tal-process) u l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tal-1 ta' Marzu, 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra, salv illi ma tressqitx prova dwar in-natura kummercjali tat-transazzjoni.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici is-somma ta' elfejn u erbgha u ghoxrin ewro u erbgha u ghoxrin centezmi (€2,024.24) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenut fuq inkarigu tieghu stess bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Frar, 2017 data tan-notifika tal-avviz kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**